



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.5.2020
COM(2020) 221 final

2020/0099 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi miżuri temporanji dwar il-limiti ta' żmien għall-istadji ta' ġbir, verifika u
eżami stipulati fir-Regolament (UE) 2019/788 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej
fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet għall-proposta u l-oġġettivi tagħha

Il-pandemija tal-COVID-19 affettwat l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom b'mod li qatt ma rajna qabel. B'rispons għall-pandemija, l-Istati Membri ħadu miżuri biex iwaqqfu jew inaqqsu t-trażmissjoni tal-COVID-19, inkluż b'miżuri ta' lockdown li wasslu għal waqfien kważi totali tal-ħajja pubblika fi kważi l-Istati Membri kollha.

Ma setax jonqos li l-pandemija tħalli wkoll impatt serju fuq l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ICE); strument ta' demokrazija parteċipattiva li jiddependi fuq l-involvement taċ-ċittadini madwar l-UE. Id-dritt li titressaq ICE huwa minqax fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 11(4) tat-TUE). Il-miżuri nazzjonali ta' trażżin u b'mod aktar ġenerali l-fatt li l-pandemija tinsab kullimkien bħalissa jagħmluha kważi impossibbli li l-organizzaturi jkomplu b'suċċess l-attivitajiet ta' kampanji lokali tagħhom u l-ġbir ta' dikjarazzjonijiet stampati ta' appoġġ biex jgħinuhom jiġbru d-dikjarazzjonijiet meħtieġa fi żmien il-perjodu stabbilit ta' 12-il xahar.

L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom ukoll ċerti obbligi fir-rigward tal-verifika (inkluża ċ-ċertifikazzjoni) tal-validità tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura u l-eżaminazzjoni bir-reqqa ta' inizjattiva li eventwalment tintlaq'. Dawn l-obbligi huma wkoll marbuta b'perjodu definit ta' żmien. Minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jirriżultaw mill-miżuri nazzjonali meħuda b'reazzjoni għall-kriżi tas-saħħa pubblika bla preċedent kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej jistgħu ma jkunux kapaċi jissodisfaw dawn l-obbligi fi ħdan il-limiti ta' żmien legali stabbiliti.

Sabiex tiġi mħarsa l-effikaċja tal-istrument ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej matul din il-pandemija u biex tiġi pprovduta riassigurazzjoni u ċarezza legali lill-organizzaturi ta' inizjattivi li l-ġbir, il-verifika jew l-eżami tagħhom għadhom għaddejjin, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri temporanji li jippermettu li jiġu estiżi l-perjodi ta' ġbir ta' dawn l-inizjattivi. Jenħtieġ li jittieħdu miżuri temporanji simili biex l-Istati Membri jkun jistgħu jitolbu mingħand il-Kummissjoni Ewropea estensjoni tal-perjodu ta' verifika f'każ li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, minħabba l-miżuri li jittieħdu biex tiġi miġġielda l-pandemija, ma jkunux jistgħu jagħmlu l-verifika fil-ħin. Bl-istess mod, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropew jenħtieġ li jitħallew jipposponu s-seduta pubblika u l-laqgħa mal-organizzaturi sakemm is-sitwazzjoni tas-saħħa pubblika fil-pajjiż fejn huma jkun beħsiebhom jorganizzaw dawn il-laqgħat terġa' tippermettilhom jagħmlu dan. Jenħtieġ li l-perjodu korrispondenti biex tiġi eżaminata inizjattiva valida jiġi estiż skont dan.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-politika

Il-leġislazzjoni kkonċernata minn dan ir-Regolament hija r-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. Dak ir-Regolament ma fihx dispożizzjonijiet speċifiċi li jippermettu l-estensjoni tal-perjodu ta' ġbir, verifika u eżami ta' inizjattivi reġistrati f'sitwazzjonijiet bħal daww ikkawżati mill-kriżi tal-COVID-19. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu adottati dispożizzjonijiet rilevanti sabiex jitqies l-effett tal-miżuri meħuda b'reazzjoni għall-kriżi tas-saħħa pubblika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 u biex tiġi pprovduta ċertezza legali għal gruppi ta' organizzaturi u awtoritajiet tal-Istati Membri.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Id-diffikultajiet sostanzjali li għandhom quddiemhom bħalissa l-organizzaturi minħabba l-miżuri tal-Istati Membri meħuda b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 biex jiġbru d-dikjarazzjonijiet stampati ta' appoġġ u biex jorganizzaw kampanji lokali biex jinfurmaw lill-pubbliku dwar l-inizjattivi tagħhom, jistgħu jikkompromettu l-kapaċità tagħhom li jilhqnu l-livell limitu ta' miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ f'mill-inqas seba' Stati Membri. Din hija prekundizzjoni biex il-Kummissjoni Ewropea tintalab tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni dwar is-suġġett għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati. B'riżultat ta' dan, l-effikaċja ta' dan l-istrument ta' demokrazija parteċipattiva fil-livell tal-Unjoni, li ta liċ-ċittadini tal-Unjoni d-dritt li jressqu proposta għal azzjoni legali bħal din, tiġi mminata. Bħal fil-każ ta' politiki u strumenti legali oħra tal-Unjoni, milquta mill-pandemija tal-COVID-19, qiegħed għalhekk jiġi propost li jittieħdu miżuri temporanji biex jittaffew dawn l-impatti imprevedibbli u eċċezzjonali.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta tikkonċerna l-limiti ta' żmien applikabbli għall-fażi tal-ġbir, il-verifika u l-eżami fir-Regolament (UE) 2019/788. L-adozzjoni ta' dak ir-Regolament hija bbażata fuq l-Artikolu 24 TFUE. L-Artikolu 24 tat-TFUE jipprovdi bażi ġuridika speċifika għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej u l-adozzjoni permezz ta' regolamenti tad-dispożizzjonijiet għall-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għal inizjattiva taċ-ċittadini skont it-tifsira tal-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Konsegwentement, il-proposta hija bbażata wkoll fuq l-Artikolu 24 tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

It-tul tal-perjodi ta' żmien rilevanti għall-inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej huwa definit fir-Regolament (UE) 2019/788. Dak ir-Regolament fil-forma attwali tiegħu ma jipprovdi għall-flessibbiltà meħtieġa fl-applikazzjoni tal-limiti ta' żmien li jkunu jippermettu lill-gruppi ta' organizzaturi, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej li jibbenefikaw minn estensjoni ta' dawn il-limiti ta' żmien f'każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali bħal dak ta' pandemija tal-COVID-19. Estensjonijiet bħal dawn jistgħu jinkisbu biss permezz ta' dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni, jiġifieri fil-forma ta' derogi temporanji.

- **Proporzjonalità**

Din l-azzjoni tal-Unjoni hija meħtieġa biex jintlaħaq l-oġettiv tal-funzjonament tajjeb tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej prevista fir-Regolament (UE) 2019/788, minħabba l-kobor tal-effetti kkawżati mill-miżuri tal-Istati Membri b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19. Il-proposta hija limitata għal miżuri temporanji mmirati, li jittieħdu b'reazzjoni għall-effetti kkawżati mill-miżuri tal-Istati Membri fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19. Il-miżuri huma limitati għal dak li hu meħtieġ biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u biex tiġi ppreservata l-effikaċja tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej kif minquxa fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Is-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni għal estensjoni ulterjuri tal-perjodu ta' ġbir fir-rigward ta' inizjattivi affettwati huma limitati fl-ambitu u huma proporzjonati. Huma suġġetti għal rekwiżit oġġettiv u verifikabbli li l-miżuri meħuda mill-Istati Membri jkunu jew jibqgħu fis-seħħ fil-maġġoranza tal-Istati Membri jew f'għadd ta' Stati Membri, li jirrappreżentaw aktar minn 35 % tal-popolazzjoni tal-UE. Bl-istess mod, il-Kummissjoni tagħti biss awtorizzazzjoni lil Stat Membru biex japplika estensjoni tal-perjodu ta' verifika

għal xi inizjattiva partikolari, jekk l-Istat Membru kkonċernat juri li minħabba l-miżuri tal-COVID, dan ma jkunx jista' jlesti l-verifika fiż-żmien stipulat ta' tliet xhur. L-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta talba motivata għal tali estensjoni.

L-emenda proposta hija limitata biż-żmien, bil-preżunzjoni li l-pandemija se tkun meġhluha sal-aħħar tal-2022.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament huwa l-istrument xieraq biex jiġu introdotti l-flessibilitajiet meħtieġa biex jiġu estenzi l-limiti ta' żmien legali li japplikaw għall-istadju tal-ġbir, il-verifika u l-eżami tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej skont ir-Regolament (UE) 2019/788. L-estensjoni ta' daww il-limiti ta' żmien teħtieġ att tal-Unjoni ta' applikazzjoni ġenerali, li huwa vinkolanti u applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha. Regolament huwa kkunsidrat xieraq ukoll biex jipprovdi l-bażi ġuridika meħtieġa biex il-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex ittawwal il-perjodu ta' ġbir u l-perjodu ta' verifika fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, ma sarux konsultazzjonijiet formali mal-partijiet ikkonċernati. Madankollu, il-proposta ssegwi konsultazzjoni mal-Grupp ta' Esperti dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. Saret laqgħa fit-30 ta' April 2020 mal-Grupp ta' Esperti, wara sħarriġ dwar il-punti prinċipali ta' emenda. Il-Kummissjoni rċeviet ukoll diversi ittri minn organizzaturi ta' inizjattivi li kienu għaddejjin matul il-pandemija, b'talba biex jinstabu soluzzjonijiet adegwati u xierqa - b'mod partikolari l-estensjoni ta' limiti ta' żmien - biex jiġu indirizzati l-problemi tagħhom fil-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa. Talbiet simili waslu mingħand il-Membri tal-Parlament, inkluż il-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-miżuri temporanji mmirati proposti primarjament għandhom l-għan li jipprovdu, għal raġunijiet eċċezzjonali fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19, l-estensjonijiet tal-perjodi rilevanti fir-Regolament 2019/788. Il-miżuri japplikaw għal perjodu ta' żmien relattivament qasir. Għalhekk, ma tqiesx li kien meħtieġ li ssir valutazzjoni tal-impatt.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit.

Skont ir-Regolament (UE) 2019/788, l-organizzaturi għandhom jistabbilixxu sistema ta' ġbir online għall-ġbir ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ online. Jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu tali sistema huma stess, iżda jistgħu jużaw ukoll is-sistema ċentrali ta' ġbir online li tiġi stabbilita u ġestita mill-Kummissjoni. Għal inizjattivi li jużaw is-sistema ċentrali ta' ġbir online, l-estensjoni tal-perjodu ta' ġbir timplika użu kontinwu itwal mill-gruppi ta' organizzaturi tas-sistema ta' ġbir ċentralizzat. Peress li s-sistema tfasslet biex tospita diversi inizjattivi fl-istess ħin, ma hemm l-ebda spiża addizzjonali ta' tali użu kontinwu. Estensjoni tal-perjodu ta' ġbir ma tehtiegħ riżorsi umani addizzjonali fi ħdan l-amministrazzjoni tal-Kummissjoni fil-ġestjoni ta' dawn l-inizjattivi, peress li l-obbligi għall-Kummissjoni stabbiliti bir-Regolament (UE) 2019/788 fir-rigward tal-inizjattivi jibqgħu l-istess.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

L-implimentazzjoni tal-miżuri se tkun issorveljata u rapportata skont il-qafas tal-mekkaniżmi ta' rapportar ġenerali stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 2019/788.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-miżuri temporanji proposti jikkonċernaw ir-Regolament (UE) 2019/788 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.

Il-proposta tipprovdi għal estensjoni tal-limiti ta' żmien għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal inizjattivi rreġistrati skont ir-Regolament (UE) 2019/788 jew skont ir-Regolament (UE) Nru 211/2011. Il-proposta tipprevedi wkoll il-possibbiltà għal Stat Membru li jitlob estensjoni tal-perjodu ta' verifika. Qiegħda tiġi proposta miżura simili li testendi l-perjodu ta' eżaminazzjoni ta' inizjattiva valida, skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi. Il-miżuri huma ta' natura temporanja, peress li dawn japplikaw biss sa tmiem l-2022.

Fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' ġbir, il-proposta fiha bħala l-ewwel miżura temporanja li l-perjodu ta' ġbir jiġi estiż b'sitt xhur fil-każ ta' inizjattivi, li għalihom il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kien għaddej fil-11 ta' Marzu 2020, il-jum li fih l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ħabbret formalment li t-tifqigħa tal-COVID-19 kienet saret pandemija dinjija. Minn dak iż-żmien, l-Istati Membri kollha ħadu miżuri biex iwaqqfu jew inaqqsu l-pandemija, li jfixklu b'mod sostanzjali l-possibbiltà għall-organizzaturi ta' inizjattivi milli jagħmlu kampanji lokali u li jiġbru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ stampati.

Id-dispożizzjoni rilevanti hija kkumplementata minn setgħa tal-Kummissjoni li ttawwal il-perjodu ta' ġbir ta' dawn l-inizjattivi u ta' inizjattivi li bdew il-ġbir tagħhom f'data aktar tard, f'każ li l-maġġoranza tal-Istati Membri, jew għadd ta' Stati Membri li jirrappreżentaw aktar minn 35 % tal-popolazzjoni tal-UE (ikomplu) ikollhom fis-seħħ miżuri bħal dawn jew f'każ ta' tifqigħa għal li tirrikjedi li l-Istati Membri jergħu jieħdu miżuri bħal dawn, li jaffettwaw inizjattivi bl-istess mod. L-għoti ta' setgħa huwa limitat biż-żmien (estensjonijiet biss ta' tliet xhur, b'perjodu massimu ta' ġbir totali ta' 24-il xahar), u jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi.

Atti ta' implimentazzjoni għal estensjoni ulterjuri tal-perjodu ta' għbir tal-inizjattivi li l-għbir tagħhom kien diġà għaddej fl-11 ta' Marzu 2020 jew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jistgħu jiġu adottati biss wara li dan ir-Regolament ikun daħal fis-seħħ. Il-perjodu ta' estensjoni ta' sitt xhur previst f'dan ir-Regolament jipprovdi żmien biżżejjed wara d-dħul fis-seħħ tiegħu għall-Kummissjoni biex tiddeċiedi dwar estensjoni oħra tal-perjodu ta' għbir għal dawn l-inizjattivi, jekk ikun meħtieġ.

Il-proposta fiha miżura temporanja speċifika fil-każ li Stat Membru jqis li minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-miżuri fil-pajjiż tiegħu, l-awtorità nazzjonali tiegħu ma tkunx tista' b'mod raġonevoli tlesti l-verifika u ċ-ċertifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ fi żmien il-perjodu ta' tliet xhur. F'każ bħal dan, l-Istat Membru jkun jista' jissottometti talba motivata lill-Kummissjoni biex testendi dan il-perjodu, b'minimu ta' xahar u massimu ta' tliet xhur.

Diversi inizjattivi li bħalissa jinsabu fil-proċess ta' għbir ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ ġew irreġistrati skont ir-Regolament (UE) Nru 211/2011. Rigward il-proċess ta' għbir u verifika, dawn l-inizjattivi għadhom soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament. Il-proposta tiżgura li l-miżuri rilevanti dwar l-estensjoni tal-perjodu ta' għbir u verifika japplikaw ukoll għal dawn l-inizjattivi.

Skont ir-Regolament (UE) 2019/788, il-perjodu ta' eżami huwa wkoll soġġett għal limiti ta' żmien speċifiċi. L-istituzzjonijiet Ewropej huma obbligati jorganizzaw laqgħa mal-organizzaturi (li għandha tiġi organizzata mill-Kummissjoni fi żmien xahar wara s-sottomissjoni ta' inizjattiva li tintlaqa') u seduta pubblika (li għandha tiġi organizzata mill-Parlament Ewropew fi żmien tliet xhur wara s-sottomissjoni). L-organizzazzjoni ta' avvenimenti bħal dawn tista' tkun diffiċli fil-limiti ta' żmien stabbiliti mir-Regolament (UE) 2019/788, filwaqt li jitqiesu l-miżuri stabbiliti b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 fil-pajjiż fejn l-istituzzjonijiet ikunu beħsiebhom jorganizzaw dawn l-avvenimenti. F'każ bħal dan, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet Ewropej jitħallew jorganizzaw avvenimenti bħal dawn malli s-sitwazzjoni tas-saħħa pubblika f'dak il-pajjiż terġa' tippermetti l-organizzazzjoni ta' avvenimenti bħal dawn. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni Ewropea għandha tadotta l-Komunikazzjoni tagħha b'rispons għal xi inizjattiva valida fi żmien tliet xhur wara s-seduta pubblika fil-Parlament Ewropew.

Jekk, minħabba l-miżuri temporanji definiti f'din il-proposta, il-perjodu ta' għbir, verifika jew eżami jiġi estiż, tkun meħtieġa miżura temporanja li tipprovdi għal estensjoni tal-perjodi ta' żamma definiti fir-Regolament (UE) 2019/788 biex jiġi evitat rekwiżit legali li jkun iwassal għall-qerda prematura tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi miżuri temporanji dwar il-limiti ta' żmien għall-istadji ta' ġbir, verifika u eżami stipulati fir-Regolament (UE) 2019/788 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Fil-11 ta' Marzu 2020, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ħabbret li t-tifqigħa tal-COVID-19 kienet saret pandemija dinjija. L-Istati Membri ntlaw b'mod drammatiku u eċċezzjonali mill-konsegwenzi ta' din il-pandemija. Huma ħadu serje ta' miżuri restrittivi biex iwaqqfu jew inaqqsu r-ritmu tat-trażmissjoni tal-COVID-19, inklużi miżuri ta' lockdown biex jirrestrinġu l-moviment liberu taċ-ċittadini tagħhom, il-projbizzjoni ta' avvenimenti pubbliċi, u l-għeluq ta' ħwienet, ristoranti u skejjel. Dawk il-miżuri wasslu għal waqfien kważi totali tal-ħajja pubblika fi kważi l-Istati Membri kollha.
- (2) Il-miżuri meħuda mill-Istati Membri inevitabilmint kellhom ukoll impatt serju fuq l-inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej. Biex inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej tirnexxi, ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ jobbliga li l-organizzaturi jiġbru mill-inqas miljun (1) dikjarazzjoni ta' appoġġ f'mill-inqas seba' (7) Stati Membri fi żmien 12-il xahar. B'mod partikolari, il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ bil-miktub, il-kampanji lokali u l-organizzazzjoni ta' avvenimenti pubbliċi, li huma ta' importanza sinifikanti biex inizjattiva tikseb suċċess, saru sostanzjalment aktar diffiċli minħabba l-miżuri li tiegħu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19.
- (3) L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom ukoll ċerti obbligi legali skont ir-Regolament (UE) 2019/788. Dawk l-obbligi huma soġġetti għal limiti stretti ta' żmien li minnhom ir-Regolament (UE) 2019/788 ma jippermetti l-ebda deroga.

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

³ Ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55).

- (4) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ta li-ċittadini tal-Unjoni d-dritt li javviċinaw lill-Kummissjoni b'talba biex din tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati. L-inizjattiva ta-ċittadini hija waħda mill-istrumenti ewlenin għaċ-ċittadini tal-Unjoni biex jimpenjaw ruħhom b'mod faċli u aċċessibbli fid-dibattitu demokratiku u politiku dwar l-Unjoni u biex kwistjonijiet li huma importanti għalihom jitpoġġew fuq l-aġenda tal-Unjoni.
- (5) Fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali u b'mod partikolari minħabba l-miżuri meħuda mill-Istati Membri b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, huma meħtieġa miżuri temporanji biex tiġi ppreservata l-effettività ta' dak l-istrument, u biex tiġi pprovduta ċertezza legali dwar estensjonijiet possibbli tal-limiti ta' żmien applikabbli.
- (6) L-Istati Membri indikaw li se l-livell ta' restrizzjonijiet introdotti mill-miżuri b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 se jitnaqqas biss gradwalment, sabiex jimmonitorjaw u jikkontrollaw is-sitwazzjoni tas-saħħa pubblika. Għalhekk huwa xieraq li l-perjodu għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jiġi estiż b'sitt xhur, li jkopri l-perjodu li jibda mill-11 ta' Marzu 2020, meta l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ħabbret li t-tifqigħa kienet saret pandemija. Dik l-estensjoni hija bbażata fuq is-suppożizzjoni li mill-inqas fl-ewwel sitt xhur mill-11 ta' Marzu 2020, il-maġġoranza tal-Istati Membri jew għadd ta' Stati Membri li jirrappreżentaw aktar minn 35 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni se jkollhom fis-seħħ miżuri li se jxekklu b'mod sostanzjali l-possibbiltajiet tal-organizzaturi li jwettqu kampanji lokali u li jiġbru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ stampati. Jenħtieġ għalhekk li l-perjodu ta' ġbir tal-inizjattivi li l-ġbir tagħhom kien għaddej fit-11 ta' Marzu 2020 jiġi estiż b'sitt xhur. Fejn il-perjodu ta' ġbir ta' inizjattiva jkun beda wara l-11 ta' Marzu, jenħtieġ li dak il-perjodu jiġi estiż b'mod proporzjonat.
- (7) Minħabba li huwa diffiċli li jiġi previst meta sejra tintemm il-pandemija fl-Unjoni, huwa xieraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex ittawwal aktar il-perjodu tal-ġbir fir-rigward tal-inizjattivi, li għalihom il-perjodu ta' ġbir ikun għadu għaddej fil-11 ta' Settembru 2020 f'każijiet fejn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19 jibqgħu jeżistu. Jenħtieġ li l-estensjoni ta' sitt xhur tal-perjodu ta' ġbir prevista minn dan ir-Regolament tippermetti lill-Kummissjoni li jkollha biżżejjed żmien biex tiddeċiedi jekk tkunx iġġustifikata estensjoni oħra tal-perjodu ta' ġbir. Jenħtieġ li s-setgħa tkun ukoll tippermetti lill-Kummissjoni li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex ittawwal il-perjodu ta' ġbir fil-każ ta' kriżi ġdida tas-saħħa pubblika marbuta ma' xi tifqigħa ġdida tal-COVID-19, jekk il-maġġoranza tal-Istati Membri jew għadd ta' Stati Membri li jirrappreżentaw aktar minn 35 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni jkunu hađu miżuri li x'aktarx ikollhom l-istess effett.
- (8) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-prolongament tal-perjodu tal-ġbir, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat implimentattivi. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.
- (9) Il-miżuri meħuda mill-Istati Membri b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jivverifikaw il-validità tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ fi ħdan il-perjodu ta' tliet xhur

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

stabbilit fir-Regolament (UE) 2019/788. Pereżempju, jista' jkun hemm inqas persunal disponibbli, jew l-awtoritajiet kompetenti jista' jkollhom kompiti u responsabbiltajiet addizzjonali bħala konsegwenza tal-pandemija.

- (10) Jenħtieġ li l-Istati Membri jaraw li, minkejja l-miżuri meħuda b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, l-amministrazzjonijiet tagħhom jaħdmu kemm jista' jkun b'mod normali. Madankollu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jenħtieġ li Stat Membru jitħalla jissottometti talba motivata lill-Kummissjoni għal awtorizzazzjoni biex tiġi applikata estensjoni tal-perjodu ta' verifika u ta' ċertifikazzjoni. Jenħtieġ li t-talba tkun sostanzjata u li jitqiesu l-effetti tal-miżuri relatati mal-pandemija fuq il-funzjonament tal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li kwalunkwe estensjoni mogħtija ma tkunx itwal mill-perjodu ta' verifika inizjali.
- (11) Minħabba l-miżuri meħuda mill-Istati Membri b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, jista' jkun diffiċli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jorganizzaw laqgħat mal-organizzaturi jew is-seduta pubblika fil-kuntest tal-eżami ta' inizjattivi validi fl-Istat Membru fejn ikollhom l-intenzjoni li jorganizzaw tali laqgħat. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jitħallew jipposponu l-organizzazzjoni ta' dawk il-laqgħat għal data meta s-sitwazzjoni tas-saħħa pubblika f'dak l-Istat Membru tkun tippermetti li jsir hekk. Meta s-seduta pubblika tiġi posposta, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Kummissjoni li tipposponi l-adozzjoni tal-komunikazzjoni tagħha li tistabbilixxi l-konklużjonijiet legali u politiċi tagħha dwar l-inizjattiva għal tliet xhur wara li tkun saret is-seduta pubblika, biex tkun tista' tieħu kont debitu tal-kostatazzjonijiet fis-seduta.
- (12) Meta l-perjodu għall-ġbir, il-verifika jew l-eżami jiġi estiż minħabba l-miżuri meħuda mill-Istati Membri b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, il-perjodi ta' żamma għad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/788 jiġu estiżi kif xieraq.
- (13) It-tifqigħa f'daqqa u mhux mistennija tal-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri riżultanti meħuda mill-Istati Membri, li ttawlu minn darba għall-oħra, fissru li fir-rigward ta' xi sitwazzjonijiet individwali ma kienx possibbli li jiġu adottati fil-ħini l-miżuri temporanji li jsir provvediment għalihom f'dan ir-Regolament. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-miżuri temporanji ikunu jkopru wkoll il-perjodu qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu.
- (14) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika wkoll għal inizjattivi rreġistrati qabel l-1 ta' Jannar 2020 skont ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, li għalihom jibqgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament dwar il-perjodu ta' ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u l-verifika u ċ-ċertifikazzjoni mill-Istati Membri skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2019/788.
- (15) Fid-dawl tan-natura temporanja tal-miżuri tal-Istati Membri b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, jenħtieġ li l-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikun limitat ukoll.
- (16) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi adottat bħala kwistjoni ta' urġenza, sabiex sitwazzjonijiet ta' inċertezza legali li jaffettwaw liċ-ċittadini, l-organizzaturi, l-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari fejn il-

⁵

Ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1).

perjodi ta' żmien rilevanti għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, verifika u eżami fir-rigward ta' għadd ta' inizjattivi jkunu diġà ntemmu jew waslu biex jintemmu, jibqgħu qosra kemm jista' jkun. Għaldaqstant jixraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea meħmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

- (17) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri temporanji applikabbli għall-perijodi ta' ġbir, verifika u eżaminazzjoni għal inizjattivi taċ-ċittadini rreġistrati skont ir-Regolament (UE) 2019/788 u r-Regolament (UE) Nru 211/2011, fil-kuntest tal-miżuri meħuda mill-Istati Membri b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19.

Artikolu 2

Estensjoni tal-limiti taż-żmien għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ

- (1) Minkejja l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2019/788 u l-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, fejn il-perjodu għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal xi inizjattiva li l-ġbir tagħha kien għadu għaddej fil-11 ta' Marzu 2020, il-perjodu massimu ta' ġbir għandu jiġi estiż għal perjodu ta' sitt xhur f'kull każ.

Meta l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal xi inizjattiva jkun beda bejn il-11 ta' Marzu 2020 u l-11 ta' Settembru 2020, il-perjodu massimu ta' ġbir għandu jibqa' għaddej sal-11 ta' Settembru 2021.

- (2) Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex ittawwal il-perjodi massimi ta' ġbir tal-inizjattivi kif issir referenza għalihom fil-paragrafu 1, jekk maġġoranza tal-Istati Membri jew għadd ta' Stati Membri li jirrappreżentaw aktar minn 35 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni jkomplu japplikaw wara l-11 ta' Settembru 2020 miżuri b'reazzjoni għal pandemija tal-COVID-19 li jkunu jfixklu b'mod sostanzjali l-possibbiltà għall-organizzaturi li jiġbru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ stampati u li jinfurmaw lill-pubbliku dwar l-inizjattivi tagħhom li jkunu għaddejjin.

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex ittawwal il-perjodu massimu ta' ġbir ta' inizjattivi li għalihom il-ġbir ikun għaddej fil-mument ta' xi tifqigħa għidha tal-COVID-19 li tkun teħtieġ maġġoranza ta' Stati Membri jew għadd ta' Stati Membri li jirrappreżentaw aktar minn 35 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni biex japplikaw miżuri li jaffettwaw lill-organizzaturi ta' dawk l-inizjattivi bl-istess mod.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva li ssir referenza għaliha fl-Artikolu 6(2) u għandhom jidentifikaw liema inizjattivi huma kkonċernati u d-data l-għidha tat-tmiem tal-perjodu ta' ġbir tagħhom.

It-tul ta' kull prolongazzjoni għandu jkun ta' tliet xhur.

Għall-fini li jiġi vvalutat jekk ir-rekwiżit fl-ewwel u t-tieni subparagrafu ikunx ġie ssodisfat, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, meta mitluba,

informazzjoni dwar il-miżuri li jkunu ħadu jew li beħsiebhom jieħdu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19.

- (3) Minkejja l-paragrafi 1 u 2, il-perjodu totali ta' għbir ma għandux jaqbeż l-24 xahar.
- (4) Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-organizzaturi u lill-Istati Membri dwar l-estensjoni mogħtija fir-rigward tal-inizjattivi kkonċernati. Hija għandha tippubblika d-deċiżjoni tagħha fir-reġistru online imsemmi fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2019/788.

Artikolu 3

Estensjoni tal-limiti ta' żmien għall-verifika u ċ-ċertifikazzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-Istati Membri

- (1) Minkejja dak li hemm fl-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE) 2019/788 u fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, meta Stat Membru jqis li minħabba l-miżuri li jkun ħa b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, mhux se jkun possibbli li l-verifika u ċ-ċertifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal inizjattiva partikolari jiġu kkompletati fiż-żmien stipulat f'dawk id-dispożizzjonijiet, dan jista' jippreżenta talba motivata għal awtorizzazzjoni biex tiġi applikata estensjoni ta' dak il-perjodu. Dik it-talba għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn xahar qabel tmiem il-perjodu kkonċernat.

- (2) Meta, abbażi ta' talba li titressaq f'konformità mal-paragrafu 1, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu jkunu ssodisfati, hija għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perjodi speċifikati fil-paragrafu 1. L-estensjoni ma għandhiex tkun inqas minn xahar u ma taqbiżx it-tliet xhur.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru u lill-organizzaturi tal-inizjattiva kkonċernata dwar l-estensjoni. Hija għandha tippubblika d-deċiżjoni tagħha fir-reġistru online imsemmi fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2019/788.

Artikolu 4

Estensjoni tal-limiti taż-żmien għall-għbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ

- (1) Minkejja dak li hemm fl-Artikoli 14(2) u 15(1) tar-Regolament (UE) 2019/788, meta l-Parlament Ewropew jew il-Kummissjoni jkunu ilhom iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet sa mill-11 ta' Marzu 2020 fl-organizzazzjoni ta' xi seduta pubblika jew laqgħa mal-organizzaturi, rispettivament, minħabba l-miżuri meħuda b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 mill-Istat Membru fejn daww l-istituzzjonijiet ikollhom l-intenzjoni li jorganizzaw is-seduta jew il-laqgħa, huma għandhom jorganizzaw is-seduta jew il-laqgħa malli s-sitwazzjoni tas-saħħa pubblika fl-Istat Membru kkonċernat tagħmilha possibbli li jsir dan.
- (2) Minkejja dak li hemm fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/788, meta l-Parlament Ewropew jipposponi s-seduta pubblika skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta l-komunikazzjoni tagħha li tistabbilixxi l-konklużjonijiet legali u politiċi tagħha dwar l-inizjattiva fi żmien tliet xhur wara s-seduta pubblika.

Artikolu 5

Estensjoni tal-limiti ta' żmien għaż-żamma ta' data personali

- (1) Minkejja dak li hemm fl-Artikolu 19(5) tar-Regolament (UE) 2019/788, meta l-perjodu massimu ta' ġbir jew verifika u perjodu ta' ċertifikazzjoni għal xi inizjattiva partikolari jiġi estiż skont l-Artikoli 2 u 3 ta' dan ir-Regolament, il-limitu ta' żmien ta' 21 xahar li fih id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u l-kopji tagħhom għandhom jinqerdu għandu jiġi estiżi bl-istess perjodu.
- (2) Minkejja dak li hemm fl-Artikolu 19(8) tar-Regolament (UE) 2019/788, fejn il-perjodu massimu ta' ġbir, il-perjodu ta' verifika u ta' ċertifikazzjoni, jew il-perjodu ta' eżami għal inizjattiva partikolari jkun estiżi skont l-Artikoli 2, 3 u 4 ta' dan ir-Regolament, il-limiti ta' żmien li fihom għandhom jinqerdu r-reġistri tal-indirizzi tal-posta elettronika skont dak l-Artikolu għandhom jiġu estiżi bl-istess perjodu.

Artikolu 6

Proċedura tal-kumitat

- (1) Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna mill-kumitat fuq l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej stabbilit bl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2019/788.
- (2) Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President